

Brussell, 6 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11545/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0429 (COD)

JAI 951
ENFOPOL 251
CRIMORG 148
IXIM 153
DATAPROTECT 230
CYBER 334
COPEN 264
FREMP 235
TELECOM 379
COMPET 922
MI 747
CONSOM 229
DIGIT 195
CODEC 1395

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 357 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 357 final.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2026
COM(2026) 357 final

2025/0429 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-għieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

1. SFOND

Data tat-trażmissjoni tal-Proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill id-19 ta' Diċembru 2025 (dokument COM/2025/797 final — 2025/0429 (COD)):

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	il-21 ta' Jannar 2026
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	il-11 ta' Marzu 2026
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	Mhux applikabbli
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	it-2 ta' Lulju 2026

2. OĠĠETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-abbuż sesswali tat-tfal online, inkluż id-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u s-solleċitazzjoni tat-tfal permezz ta' servizzi online, juri li s-servizzi ta' komunikazzjoni diġitali jistgħu jintużaw ħażin biex jitwettqu, jiġu ffaċilitati u jitkomplew reati serji kontra t-tfal. Ir-Regolament (UE) 2021/1232 (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Interim") stabbilixxa deroga temporanja minn xi obbligi skont id-Direttiva 2002/58/KE¹, li tippermetti lill-fornituri ta' ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jkomplu, fuq bażi volontarja u soġġett għal kundizzjonijiet stretti, jużaw teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra, safejn ikun strettament meħtieġ biex jidentifikaw u jirrapportaw l-abbuż sesswali tat-tfal online u jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.

Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament Interim kellha l-għan li tevita lakuna legali filwaqt li komplew in-negozjati dwar Regolament fit-tul għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online². Għalhekk, hija pprevediet estensjoni limitata oħra tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament Interim, mingħajr ma biddlet b'xi mod

¹ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37-47).

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-għieda kontra dan, COM/2022/209 final.

ieħor is-sustanza u s-salvagwardji tiegħu. L-għan ta' dik l-estensjoni kien li jiġi żgurat li l-attivitajiet volontarji mwettqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu mingħajr interruzzjoni sakemm jintlaħaq qbil dwar il-qafas legali fit-tul u jsir applikabbli.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari hija r-risultat tal-iskambji interistituzzjonali reċenti dwar il-Proposta tal-Kummissjoni, li jirriflettu l-oġettiv kondiviż li tiġi żgurata l-kontinwità tal-qafas temporanju għall-ġejjieni, sakemm jitlestew in-negozjati dwar il-qafas legali fit-tul.

Fid-diskors tiegħu lill-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa li r-Regolament Interim jitmexxa 'l quddiem mingħajr aktar dewmien u li jiġu esplorati l-kundizzjonijiet biex jintlaħaq qbil politiku fit-tieni qari. Abbażi ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fis-26 ta' Ġunju 2026, ipprova gwida lill-Presidenza tal-Kunsill u qabel li l-adozzjoni ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jeħtieġ tiġi segwita b'urġenza.

F'dan l-isfond, u b'lealtà lejn l-oġettivi tal-Proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-2 ta' Lulju 2026. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tippreserva s-sustanza tal-proposta tal-Kummissjoni billi tistabbilixxi qafas temporanju li jirriproduċi r-regoli tar-Regolament Interim. Fl-aħħar mill-aħħar, din il-pożizzjoni tistabbilixxi mill-ġdid, mingħajr effett retroattiv, id-deroga mill-Artikoli 5(1) u 6 (1) tad-Direttiva 2002/58/KE li tippermetti l-attivitajiet volontarji kkonċernati, suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi u mingħajr preġudizzju għar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Din għandha l-għan li tevita kwalunkwe lakuna ulterjuri fil-qafas temporanju sakemm jiġu ffinalizzati n-negozjati tal-qafas fit-tul għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill.